MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2018

Rikors Maħluf Numru 598/2016LM

**Gianluca Vassallo (ID 556590M)**

***vs.***

**Samuel Mamo (ID 407695M) u b'digriet tat-8 ta' Marzu, 2017, is-soċjetà Elmo Insurance Limited (C3500) ġiet awtorizzata tintervjeni fil-kawża *in statu et terminis***

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fl-20 ta' Lulju, 2016 mill-attur **Gianluca Vassallo** (ID 556590M) (minn issa 'l quddiem "l-attur"), u maħluf minnu stess, li jgħid kif ġej:

*1. Illi hekk kif jirriżulta mir-rapport tal-Pulizija u mill-proċess verbal annessi u mmarkati bħala Dok. GV 1 u Dok. GV 2 rispettivament, fis-16 ta' Awwissu, 2014 seħħ inċident awtomobilistiku fi Triq Andrea Debono, Naxxar, bejn il-vettura bin-*

*numru tar-reġistrazzjoni HQZ 005 misjuqa mir-rikorrent, u l-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni ROW 004, proprjetà ta' Rowena Busietta (ID 468859M), u misjuqha minn binha l-intimat Samuel Mamo;*

*2. Illi filwaqt illi r-rikorrent kien ġej isuq mid-direzzjoni ta' San Pawl il-Baħar tiela' lejn id-direzzjoni tan-Naxxar, l-intimat kien qed isuq fid-direzzjoni opposta tal-attur, tilef il-kontroll tal-vettura u b'konsegwenza qasam u ġie fuq il-karreġġjata fejn kien qed isuq regolarment ir-rikorrent, u baqa' dieħel ġol-vettura misjuqa mir-rikorrent. Għaldaqstant jirriżulta illi dan l-inċident seħħ unikament tort tal-intimat Samuel Mamo u minħabba traskuraġni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tiegħu;*

*3. Illi jirriżulta wkoll li l-intimat kien qiegħed isuq b'veloċità qawwija tant li hu u jdur mal-liwja li hemm fit-triq imsemmija l-intimat ma setax jikkontrolla l-vettura tiegħu bil-konsegwenza li daħal dritt ġol-karreġġjata tal-vettura tal-attur u bl-impatt il-vetturi in kwistjoni spiċċaw għolew minn wara u infirdu;*

*4. Illi di più jirriżulta illi l-intimat fil-ħin tal-inċident ma kellux liċenzja tas-sewqan;*

*5. Illi l-impatt tant kien vjolenti illi wara l-inċident, sabiex ir-rikorrent jinħareġ mill-vettura li kien fiha kienu meħtieġa s-servizzi tal-membri tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, u r-rikorrent sussegwentement kellu jittieħed l-isptar Mater Dei għall-kura immedjata stante illi kien qiegħed isofri minn ġrieħi ta' natura gravi u kien anke fil-periklu tal-mewt;*

*6. Illi apparti li ħabat ġol-vettura misjuqa mir-rikorrent, l-intimat ħabat ukoll ġo vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni ANN 617 misjuqa minn Anna Gatt (ID 103659M) li nzertat li kienet qiegħda ssuq wara r-rikorrent u fl-istess direzzjoni;*

*7. Illi riżultat ta' dan l-inċident, ir-rikorrent safa mweġġa' gravament tant li baqa' jsofri minn debilità permanenti, liema ġrieħi ser ikollhom effett fit-tul – u dan kif jirriżulta mir-Rapport Mediku hawn anness u mmarkat Dok. GV3;*

*8. Illi qabel dan l-inċident ir-rikorrent kien jaħdem ta' restawratur tal-ġebel u b'konsegwenza tal-istess inċident ir-rikorrent dam disa' xhur ma jaħdimx, u fil-preżent qiegħed jaħdem bħala 'delivery man'; għalhekk in-natura ta' xogħol preżenti huwa ferm differenti meta kkomparat ma' dak li r-rikorrent kien jagħmel qabel l-inċident de quo;*

*9. Illi bħala konsegwenza ta' dan l-inċident, ir-rikorrent ġarrab damnum emergens li jinkludu spejjeż ta' tobba u speċjalisti, telf ta' xogħol u telf ieħor – kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża; u minħabba l-ġrieħi gravi li ġarrab b'konsegwenza*

*tal-istess inċident, ir-rikorrent sofra wkoll danni lucrum cessans minħabba debilità permanenti (Dok. GV 3);*

*10. Illi interpellat sabiex jersaq għal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mir-rikorrent in segwitu ta' dan l-inċident, permezz ta' ittra uffiċjali datata t-3 ta' Ġunju, 2016 l-intimat baqa' inadempjenti, u għalhekk ġew istitwiti dawn il-proċeduri.*

*Għaldaqstant, u għar-raġunijiet suesposti, l-esponenti jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara illi għall-inċident li seħħ fis-16 ta' Awwissu, 2014, fi Triq Andrea Debono, Naxxar, bejn il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni HQZ 005 misjuqa mir-rikorrent, u l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni ROW 004, jaħti unikament l-intimat Samuel Mamo, u dan minħabba culpa u negliġenza da parti tiegħu, u minħabba nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tiegħu;*
2. *Tillikwida d-danni sofferti mill-esponenti, kemm damnum emergens kif ukoll lucrum cessans, u dan okkorrendo bl-opera ta' periti nominati minn din l-Onorabbli Qorti stess;*
3. *Tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas kwalunkwe somma ta' danni hekk illikwidata;*

   *Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali tat-3 ta' Ġunju, 2016, dawk tal-ittra uffiċjali ppreżentata kontestwalment ma' dan ir-rikors maħluf kontra l-assikuratriċi tal-vettura misjuqa mill-intimat, u bl-imgħaxijiet legali skont il-liġi sal-ġurnata tal-pagament effettiv kontra l-intimat illi huwa minn issa stess inġunt għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **Samuel Mamo** (ID 407695M) (minn issa 'l quddiem "il-konvenut"), li ġiet ippreżentata fit-30 t'Awwissu, 2016, u maħlufa minnu stess, li biha eċċepixxa:

*1. Illi preliminarjament hemm lok għal korrezzjoni fir-rikors maħluf stante illi l-premessi u t-talbiet ma jaqblux dwar id-data meta seħħ l-inċident mertu tal-kawża;*

*2. Illi fil-mertu l-attur jeħtieġlu jipprova mhux biss ir-responsabbilità tal-konvenut iżda wkoll li, kif qed jiġi allegat, il-konvenut Samuel Mamo kien unikament responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża;*

*3. Illi wkoll fil-mertu u mingħajr preġudizzju għal fuq eċċepit, kwalunkwe danni allegati huma kontestati u jeħtieġ illi jiġu ppruvati;*

*4. Salvi eċċezzjonijiet oħra permissibbli mil-liġi.*

*Dikjarazzjoni ta' fatti ai termini tal-Artikolu 158(3) (ċ) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta:*

*1. Illi qabelxejn jidher illi d-data tal-inċident mertu tal-kawża kif indikata fil-premessi ma taqbilx ma' dik ċitata fit-talbiet u għalhekk jeħtieġ illi ssir il-korrezzjoni opportuna;*

*2. Illi fil-mertu, l-attur jeħtieġlu jipprova l-allegazzjoni tiegħu illi l-konvenut kien unikament responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża u għalhekk mhux biss għandu jipprova r-responsabbilità allegata iżda wkoll għandu jġib prova illi m'hemmx kontributorjetà tal-attur stess jew ta' xi terz;*

*3. Illi b'referenza għat-talba għal-likwidazzjoni tad-danni, il-konvenut jikkontesta d-danni pretiżi – kemm f'damnum emergens u kemm f'lucrum cessans – u jsostni illi l-attur għandu jġib prova illi sofra danni bħala konsegwenza ta' xi aġir illeċitu tal-attur (sic);*

*4. Jeħtieġ ukoll li ssir prova tal-quantum ta' tali danni;*

*5. Inoltre, ai termini tal-Artikolu 158(3)(ċ) tal-Kap. 12, jiġi dikjarat illi:*

- *Il-fatti msemmija fl-ewwel paragrafu tar-rikors maħluf mhumiex kontestati;*
- *Il-bqija tal-fatti dikjarati mir-rikorrenti huma kontestati u jeħtieġ illi jiġu ppruvati.*

Rat ir-rikors tas-soċjetà **Elmo Insurance Limited** (C3500), (minn issa 'l quddiem "l-intervenuta fil-kawża"), li ġie ppreżentat fl-1 ta' Marzu, 2017, li talbet sabiex tintervjeni fil-kawża *in statu et terminis* in vista tal-fatt li l-vettura misjuqa mill-intimat Samuel Mamo kienet koperta b'polza tal-assigurazzjoni maħruġa minnha. B'digriet mogħti fit-8 ta' Marzu, 2017, din il-Qorti laqgħet it-talba biex is-soċjetà Elmo Insurance Limited tintervjeni fil-

kawża *in statu et terminis* peress li deher li għandha interess ġuridiku ċar, dirett u immedjat fl-eżitu tal-kawża.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-2 ta' Marzu, 2018, fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-partijiet.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

L-attur qiegħed jitlob li l-Qorti tiddikjara li l-konvenut Samuel Mamo kien unikament responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża u konsegwentement għandhom jiġu likwidati d-danni sofferti mill-attur, u li l-konvenut għandu jiġi kkundannat iħallas lill-attur kwalunkwe somma ta' danni hekk likwidata. L-attur qiegħed jilmenta li kawża tal-inċident hu sofra minn debilità permanenti, u permezz ta' din l-azzjoni qiegħed jitlob ħlas ta' kumpens kemm għad-danni materjali sofferti minnu, kif ukoll għad-danni konsistenti f'telf ta' qligħ minħabba fid-debilità permanenti li huwa sofra. L-attur isostni li l-konvenut fil-waqt tal-inċident kien qiegħed isuq vettura meta ma kellux liċenzja tas-

sewqan u ma kienx kopert b'polza tal-assigurazzjoni fuq il-vettura misjuqa minnu.

## **Provi u riżultanzi**

Kontestwalment mar-Rikors Maħluf ġie esebit ir-rapport tal-Pulizija[1] b'rabta ma' dan l-inċident, fejn mill-istqarrijiet li ħadu l-Pulizija fuq il-post tal-inċident irriżulta li l-konvenut Samuel Mamo kien ħa ċ-ċwievet tal-karozza ta' ommu, u li dan ma kellux liċenzja tas-sewqan. Ġew esebiti wkoll l-atti tal-*procès-verbal*[2], wara li saret inkjesta fuq il-post tal-inċident. Mill-atti jirriżulta li l-inċident inkwistjoni seħħ bejn tliet vetturi, u li konsegwenza tal-inċident l-attur kien weġġa' gravi tant li ġie ċċertifikat li kien fil-periklu tal-mewt mit-tobba li waslu fuq il-post mal-ambulanza. Fil-fatt jirriżulta li anki sabiex l-attur inħareġ mill-vettura li kien qiegħed isuq, kellhom jintervjenu uffiċjali tal-Protezzjoni Ċivili. Mir-relazzjoni li ħejja l-P.L. Mario Buttigieg maħtur bħala espert mill-Maġistrat tal-għassa, irriżulta li fil-ħin tal-inċident, il-konvenut Samuel Mamo ma kellux liċenzja tas-sewqan u kien qiegħed isuq b'veloċità eċċessiva, tant li tilef il-kontroll tal-vettura meta ġie biex idur mal-liwja, u dan seta' jiġi kkonstatat mill-*post impact assessment* u mill-fatt li l-konvenut baqa' dieħel f'żewġ vetturi li kienu ġejjin mill-karreġġjata opposta. Fil-ħin tal-inċident, is-01:35 ta' filgħodu, il-konvenut kien qiegħed jirritorna lura d-dar minn Paceville.

Fil-*procès-verbal* ġie kkonstatat ukoll li tnejn mill-vetturi involuti fl-inċident, il-van Toyota Townace bin-numru ta' reġistrazzjoni HQZ 005 misjuq mill-attur u

[1] *A fol*. 7 *et seq* tal-proċess.
[2] *A fol*. 20 *et seq* tal-proċess.

l-Mitsubishi Pajero ROW 004 misjuqa mill-konvenut, kienu ġarrbu ħsarat li rrendewhom *beyond economical repair* u li ġie konkluż li dawn għandhom jiġu skrappjati.

L-attur esebixxa rapport imħejji mill-konsulent ortopediku **Mr Raymond Gatt**[3], li kkonstata li mil-lat mediku l-attur sofra minn amnesija, tant li ma jiftakar xejn minn dak li għadda minnu waqt li kien fit-Taqsima tal-Kura Intensiva tal-Isptar. Fir-rapport ta' Mr Gatt ġie stabbilit li l-attur sofra minn diversi ġrieħi fosthom fil-fwied, fil-pulmun u fil-kliewi, kif ukoll xi ksur. Mr Gatt irrelata li l-attur għadu jsofri minn uġigħ f'ġismu, fosthom f'dahru u f'saqajh, tant li ta' kuljum għandu bżonn jieħu kura għall-uġigħ. Barra minn hekk Mr Gatt qal li l-attur għandu wkoll problemi meta jiġi biex jerfa' ċertu piżijiet, u għandu bżonn jilbes *support* għal saqajh. L-attur ibati minn ċertu wġigħ anki meta jkun ilu jsuq għal ċertu ħin. Mr Gatt fir-rapport tiegħu jikkonstata li qabel l-inċident l-attur kien restawratur tal-ġebel u li wara l-inċident kellu jsib impjieg alternattiv bħala *delivery man* f'kumpannija tal-farmaċewtiċi. Il-konsulent mediku Mr Raymond Gatt ikkonkluda r-rapport tiegħu:

> *"Mr Gianluca Vassallo is still suffering from the residual problems of his multiple fractures around the pelvis sustained in a road traffic accident. Considering the severity of the fractures, the patient did reasonably well in the circumstances. His residual current symptomatology mainly relates to his major site of injury which was the right sacro-iliac joint.*
>
> *As regards the quantum of Whole Person Impairment, this was assessed on the Impairment estimates for Pelvic Injuries Table 15-19 showing Whole Person Impairment due to Selected Disorders of the Pelvis. This gives the patient a rating pertaining to his pelvic fractures of 15%."*

[3] *A fol.* 28 tal-proċess.

L-attur **Gianluca Vassallo** għażel li jixhed bil-mezz tal-*affidavit*[4], fejn ikkonferma li dakinhar tal-inċident hu kellu tlieta u għoxrin (23) sena, u qal li minn età żgħira hu kien involut fil-Ħamrun Scouts Group. Dakinhar li seħħ l-inċident, hu kien qiegħed iwassal tagħmir u apparat tal-i*scouts* lura lejn il-*headquarters* tal-*iscouts* tal-Ħamrun wara li kien ġie organizzat kamp għat-tfal fuq medda ta' ġimgħa fl-inħawi tax-Xemxija. Kien għalhekk li kien hemm il-ħtieġa li l-affarijiet li ntużaw waqt il-kamp jinġarru lura permezz ta' vannijiet mikrija u għadd ta' vetturi, li waqt il-ħin tal-inċident kienu qegħdin jinstaqu wara xulxin. Ix-xhud qal li sabiex imur il-Ħamrun hu għadda mill-*bypass* ta' Birguma sabiex jevita l-inħawi tal-Mosta, u waqt li kien qiegħed isuq fil-karreġġata tax-xellug, feġġet vettura mid-direzzjoni opposta li ħabtet *head on* mal-vettura misjuqa minnu. Dettalji dwar l-inċident l-attur ma jiftakarx u kulma jaf hu li wara erbat ijiem fit-Taqsima tal-Kura Intensiva, hu qam u ġie infurmat li kien sofra ġrieħi gravi u li kien hemm mumenti fejn kien fil-periklu li jitlef ħajtu. L-attur kompla jgħid li d-dettalji li jaf dwar l-inċident, hu sar jafhom mir-rapport tal-inkjesta maġisterjali u mhux għax jiftakar id-dettalji tal-inċident. L-attur madankollu jaf li sofra minn diversi ġrieħi fosthom fil-fwied, fil-kilwa tal-lemin u fil-pulmun, u kellu wkoll ksur fl-għadma tal-*pelvis* u fis-sinsla ta' dahru. Hu kien inżamm l-isptar sal-11 ta' Settembru, 2014 u sa Novembru seta' jiċċaqlaq biss bl-għajnuna ta' siġġu tar-roti. Hu kellu bżonn sessjonijiet ta' fiżjoterapija sabiex jerġa' jibda jimxi, u dawn damu għaddejjin sa Jannar, 2015. L-attur qal li hu dam ma jistax jaħdem sa Mejju, 2015, u preċiżament għamel 267 jum mingħajr dħul, u li wara l-inċident hu kellu saħansitra jibdel l-impjieg tiegħu għal wieħed ta' inqas strapazz. L-attur

[4] *A fol.* 44 tal-proċess.

ippreżenta wkoll irċevuti[5] li jindikaw l-ispejjeż li hu kellu jagħmel konsegwenza tal-inċident bl-iskop li l-Qorti tkun tista' tikkomputa d-danni materjali sofferti minnu. L-attur ikkonkluda li ħajtu nbidlet drastikament wara l-inċident, fosthom billi kellu jwaqqaf passatempi li kellu, inaqqas l-attività fiżika, u joqgħod attent li jieqaf jistrieħ kultant ħin minħabba uġigħ li jħoss f'saqajh. L-attur esebixxa kopji tal-istimi tad-dħul tiegħu fis-snin li fihom kien jaħdem[6], kif ukoll kopja taċ-ċertifikati għax-xhur kollha li fihom ma setax jaħdem.[7]

Fl-udjenza tat-30 ta' Settembru, 2016, il-Qorti ħatret lil **Mr Carmel Sciberras** bħala espert mediku sabiex jeżamina lill-attur, jirrelata dwar il-konsegwenzi tal-inċident fuq saħħet l-attur u jekk l-attur kienx ġarrab xi debilità permanenti u f'liema grad. Ir-rapport li ħejja l-espert mediku maħtur mill-Qorti ġie ppreżentat fit-28 ta' Ottubru, 2016[8], fejn ġie kkonstatat illi kulma jiftakar l-attur minn dak li ġara waqt l-inċident hu li ra dawl qawwi ġej fuqu, iżda ma ftakar xejn aktar. L-attur sar jaf x'kien ġara meta beda ġej f'tiegħu wara li għamel tlett ijiem mitluf minn sensih fit-Taqsima tal-Kura Intensiva ġewwa l-Isptar Mater Dei. Mr Carmel Sciberras ikkonsulta n-noti fil-file mediku tal-attur, u seta' jistabbilixxi li dan kien ġarrab tiċrita fil-fwied li minnha tilef xi demm, tbenġil fuq il-kilwa tal-lemin u tbenġil fil-pulmuni. Sofra wkoll minn xi ksur fil-*pelvis* u f'wieħed mill-irkiekel lumbari. L-attur kellu wkoll ħsara fil-*brachial plexus* li ġiet innutata meta sarlu MRI ta' għonqu, u tbenġil fl-għaksa tal-lemin. Mr Sciberras irrileva li l-attur intbagħat id-dar mill-isptar fit-18 ta' Ottubru, 2014, jiġifieri xahrejn wara l-inċident, u kellu jkompli jistrieħ u jieħu r-rijabilitazzjoni tiegħu meta jkun id-dar. Wara l-inċident, l-attur kellu jibdel in-

[5] *A fol.* 88 sa 119 tal-proċess.
[6] *A fol.* 53 tal-proċess.
[7] *A fol.* 54-82 tal-proċess.
[8] *A fol.* 182 *et seq.* tal-proċess.

natura tax-xogħol tiegħu, u beda jaħdem bħala *delivery man* ma' kumpannija tal-farmaċewtiċi, filwaqt li qabel kellu xogħol fir-restawr tal-ġebel. L-attur iddeskriva lill-espert mediku Mr Sciberras kif wara l-inċident m'għadux jista' jiġri u lanqas idoqq it-tanbur fil-parati tal-i*scouts*, minħabba li jħoss li dan hu tqil wisq għalih.

Fil-parti konklussiva tar-rapport tiegħu, Mr Carmel Sciberras seta' jikkonstata li minkejja l-ħsara li ġarrab, l-attur irkupra mhux ħażin, għalkemm milli seta' jevalwa, jista' jkun li fil-futur l-attur ikollu xi problemi u jibda jsofri minn uġigħ. Mr Sciberras stabbilixxa li hemm ħsara fil-ligamenti tal-għaksa l-leminija, filwaqt li hemm ħsara li mhix kbira fil-*brachial plexus*. L-ispalla x-xellugija wkoll jista' jkun li titlef xi ftit mill-funzjoni tagħha. Mr Sciberras ikkonkluda li d-debilità permanenti li qiegħed isofri minnha l-attur hi ta' 8%.

Fl-udjenza tal-4 ta' Novembru, 2016 il-Qorti semgħet ix-xhieda ta' **PS 950 Alan Buhagiar**[9], li qal li fis-16 t'Awwissu, 2014 hu kien għaddej bir-ronda mill-*bypass* ta' Birguma, meta induna li ftit qabel kien seħħ inċident. Ix-xhud qal li kif wasal fuq is-sit sab kommozzjoni sħiħa, minħabba li kien hemm diversi vetturi tal-i*scouts* li kollha waqfu sabiex jaraw x'kien ġralu l-attur. Ix-xhud ikkonferma li kien hemm tliet vetturi involuti fl-inċident, u li mill-ewwel stħarriġ irriżulta li l-konvenut kien ħa ċ-ċwievet tal-karozza t'ommu, u li dan m'għandux liċenzja tas-sewqan. Ix-xhud qal li fuq il-post tal-inċident il-konvenut kien qal li waqt li kien qiegħed isuq kien tah attakk ta' paniku, u li minflok għafas il-*brake*, kien għafas il-gass, bir-riżultat li seħħet il-ħabta.

9 *A fol.* 140 tal-proċess.

Fl-istess udjenza xehdet **Roslyn Ciantar**[10], li meta seħħ l-inċident kienet stazzjonata l-għassa tan-Naxxar, u li xehdet li hi ma kienet ħadet l-ebda stqarrija meta marret fuq il-post u li għalhekk ma kellha l-ebda informazzjoni għall-Qorti dwar il-każ.

Fl-udjenza tal-10 ta' Jannar, 2017 il-Qorti semgħet ix-xhieda ta' **Cedric Salafia**[11], li qal li bħall-attur hu kien involut fl-i*scouts* tal-Ħamrun, u li fil-ħin tal-inċident huma kienu qegħdin jittrasportaw xi affarijiet fl-aħħar ġurnata tal-*camping* tas-Sajf tagħhom. B'kollox kienu erba' vetturi, żewġ vannijiet u żewġ karozzi, li kienu qegħdin isuqu wara xulxin biex jieħdu kollox lura l-Ħamrun. Ix-xhud qal li l-attur kien qiegħed isuq il-vann ta' quddiem, u li riekeb miegħu kien hemm ċertu Matthias Balluci. Ix-xhud qal li l-vetturi misjuqa mill-membri tal-i*scouts* kienu mexjin bil-mod minħabba li kienu mgħobbijin. Hu qal li l-vettura li kien fiha hu kienet it-tielet waħda wara l-vann misjuq mill-attur, u li xħin instema' l-ħoss tad-daqqa, huma ħarġu biex jaraw x'kien ġara. Ix-xhud qal li vettura tat-tip Pajero li kienet ġejja mid-direzzjoni opposta, baqgħet dieħla fil-vettura misjuqa mill-attur u f'Mini li kienet warajh, u li huma l-ewwel li kellmu kien lis-sewwieqa tal-Mini sabiex jaraw ġralhiex xi ħaġa. Ix-xhud qal li hu deherlu li l-ewwel kelmiet li lissen l-konvenut hekk kif ħareġ mill-vettura tiegħu, kienu li l-inċident kien seħħ ħtija tiegħu. Ix-xhud qal ukoll li l-attur kien inqabad fil-vettura tiegħu minħabba li l-*bonnet* tal-vettura kien tgħaffeġ, u l-*bonnet*, is-*seat* li kien fuqu l-attur u l-attur ġew kważi ħaġa waħda. Ix-xhud ikkonferma li dak il-ħin l-attur ma kienx f'sensih u li kellu xi dmija. Il-persuna li kienet riekba mal-attur sofriet xokk, iżda l-impatt kien ħadu l-attur li kien is-sewwieq tal-vettura. Ix-xhud qal li biex l-attur seta' jinħareġ mill-vann, il-vann

[10] *A fol.* 147 tal-proċess.
[11] *A fol.* 188 tal-proċess.

kellu jitqatta' mill-membri tal-Protezzjoni Ċivili, u li kemm-il vann kif ukoll ħafna mit-tagħmir tal-i*scouts* li kien fih, kienu *total loss.* Ix-xhud qal ukoll li l-attur inbidel ħafna wara l-inċident, u li hemm attivitajiet, speċjalment dawk marbuta mal-i*scouts*, li hu m'għadux jista' jagħmilhom. Hu kkonferma wkoll li l-vann u t-tagħmir tal-*iscouts* ħallset għalihom l-assigurazzjoni tal-vettura misjuqha l-konvenut.

Fl-istess udjenza xehdet **Anna Gatt**[12] li kienet qiegħda ssuq it-tielet vettura li kienet involuta f'dan l-inċident, li kkonfermat li l-vann li kien qiegħed jinstaq quddiemha (dak misjuq mill-attur), kien għaddej b'veloċità normali. Ix-xhud qalet li xħin hi kienet kważi f'nofs it-triq, rat vettura ġejja min-naħa l-oħra, li hi ddeskriviet bħala li ratha 'ittir għal fuqi'. Ix-xhud qalet ukoll li qabel l-impatt, hi lanqas biss rat li kienet ġejja vettura għal fuqha u l-unika ħaġa li rat kien id-dawl tal-*headlamps* ġejjin fuqha. Ix-xhud qalet ukoll li l-vettura tagħha kellha tiġi *written off* u li l-impatt seħħ waqt li hija kienet qed issuq f'nofs il-karreġġata u mhux lejn il-ġenb tat-triq. Ix-xhud qalet li eżatt wara l-inċident, hi ma setgħetx tiftaħ il-bieba tal-karozza li kienet qiegħda ssuq, u li kellha tingħata l-għajnuna biex setgħet toħroġ. Madanakollu, kif ħarġet mill-vettura tagħha, indunat li l-persuna li kien fil-vettura ta' quddiemha, li hi ddeskriviet bħala *wrecked,* lanqas biss setgħet tara min kien jew f'liema stat kien. Rigward is-sewwieq tat-tielet vettura involuta fl-inċident, il-konvenut, ix-xhud qalet li dan ħareġ mill-vettura u kien '*hysterical*' u beda jiskuża ruħu. Hi qalet li biex inħareġ l-attur mill-vettura li kien qiegħed isuq, dan kellu jinħareġ mill-ħaddiema tal-Protezzjoni Ċivili.

[12] *A fol.* 199 tal-proċess.

Lix-xhud Anna Gatt sarilha l-kontroeżami fl-istess udjenza, u din min-naħa tagħha kkonfermat li l-Pajero misjuqa mill-konvenut l-ewwel ħabtet fil-vann ta' quddiemha, li kien misjuq mill-attur, u sussegwentement baqgħet dieħla ġo fiha, b'mod li kien hemm żewġ ħabtiet separati. Hi qalet li ma kien hemm l-ebda impatt bejnha u l-vann ta' quddiemha, u li għalkemm qabel il-ħabta, bejnha u l-vann ta' quddiemha ma kienx hemm distanza twila, wara l-impatt tal-ħabta, il-vann ġie f'distanza twila mhux ħażin 'l bogħod mill-vettura tagħha.

Fl-udjenza tat-23 ta' Frar, 2017, xehed **Anthony Grima**[13], membru tal-i*scouts* tal-Ħamrun bħall-attur, li kkonferma li fil-ħin tal-inċident, hu flimkien ma' persuni oħra, fosthom l-attur, kienu fi triqithom mix-Xemxija lejn il-Ħamrun. Fl-inħawi magħrufa bħala 't-Telgħa t'Alla u Ommu', il-vann li kien misjuq mill-attur intlaqat minn vettura li kienet ġejja mid-direzzjoni opposta, u x-xhud iddeskriva l-impatt bħala wieħed li tant kien kbir li mad-daqqa, il-vettura tal-attur u l-vettura misjuqa minn Anna Gatt inqatgħu mir-rota ta' wara u daru fid-direzzjoni opposta. Ix-xhud iddeskriva dak li ġara b'dan il-mod:

> "Il-vann ta' Gianluca ġie wiċċu 'l isfel u l-Pajero ġiet wiċċha 'l fuq għax daru fl-arja ... Imbagħad il-Pajero hu u nieżel lura jiġifieri hu u jaħbat mal-art laqat lill-Mini."

Ix-xhud ikkonferma li fil-fatt kien hemm żewġ ħabtiet li kienet involuta fihom il-vettura misjuqha mill-konvenut, waħda mal-vann misjuq minn Gianluca Vassallo, u l-oħra mal-Mini misjuqha minn Anna Gatt. Ix-xhud qal li kif seħħ l-inċident, hu ħareġ mill-vettura tiegħu u mar jiġri biex jara x'kien ġralu l-attur, li dak il-ħin kien mitluf minn sensih. Dan ix-xhud ukoll ikkonferma li biex inħareġ

[13] *A fol.* 213 tal-proċess.

mill-vann l-attur, kellu jkun hemm intervent mill-membri tal-Protezzjoni Ċivili u li dawn kellhom iċarrtu l-vann li kien qiegħed isuq biex setgħu joħorġuh. Ix-xhud qal ukoll li minn dak li seta' jara waqt il-ħin tal-inċident, kienet il-vettura misjuqa mill-konvenut li ħarġet *wrong side.*

Fl-udjenza tat-23 ta' Frar, 2017 xehed l-attur sabiex ippreżenta kopji tal-*pay slips* tiegħu għas-sena 2016.[14] Fl-istess udjenza xehdet **Karen Cremona**[15] minn Transport Malta, li qalet li l-vettura ROW 004 hija Mitsubishi Pajero ta' lewn abjad, irreġistrata fuq Rowena Mamo, omm il-konvenut. Ix-xhud qalet li l-liċenzja tal-vettura skadiet fit-30 ta' Ġunju, 2015 u ma ġietx rinnovata minn dakinhar 'l hawn u li l-*insurance* tal-vettura wkoll skadiet fit-30 ta' Ġunju, 2015 u ma ġietx imġedda. Ix-xhud ikkonfermat li dakinhar li seħħ l-inċident, il-vettura inkwistjoni kienet irreġistrata f'isem Rowena Mamo. Ix-xhud qalet li l-aħħar *insurance* imħallsa fuq din il-vettura kienet tkopri l-perijodu bejn l-1 ta' Lulju, 2014 sat-30 ta' Ġunju, 2015. Ix-xhud ikkonfermat ukoll li fis-27 ta' Jannar, 2015, il-konvenut Samuel Mamo ġab liċenzja tas-sewqan taħt il-kategorija B, u li qabel dik id-data hu ma kellux liċenzja tas-sewqan. Din ix-xhieda tikkonferma li dakinhar li seħħ l-inċident, il-konvenut ma kellux liċenzja tas-sewqan.

Fl-udjenza tas-26 ta' Ġunju, 2017, sar il-kontroeżami tal-attur Gianluca Vassallo[16] li kkonferma li fiż-żmien li fih seħħ l-inċident, hu kien impjegat fuq bażi *full-time* mas-soċjetà MTR Contractor li kienet tagħmel xogħol ta' restawr tas-swar. Hu kkonferma li sa Mejju tal-2015 hu ma setax jaħdem minħabba l-inċident, u li wara Mejju tal-2015 hu beda jaħdem fid-distribuzzjoni ma'

[14] *A fol.* 224 sa 227 tal-proċess.
[15] *A fol.* 232A tal-proċess.
[16] *A fol.* 244 tal-proċess.

kumpannija tal-farmaċewtika. Hu qal li dan ix-xogħol beda jagħmlu minħabba li l-mediċina hi ħafifa u m'hemmx ħafna toqol involut. L-attur ikkonferma li l-inċident mertu ta' din il-kawża seħħ fis-sigħat bikrin ta' filgħodu u li t-triq għalkemm mhix imdawla bħal toroq aktar ċentrali, għandha dawl adegwat.

Karen Cremona minn Transport Malta reġgħet ittellgħet tixhed fl-udjenza tat-2 ta' Marzu, 2018[17], u kkonfermat li dakinhar tal-inċident, l-konvenut ma kellux liċenzja tas-sewqan.

Fl-istess udjenza xehed **Lino Ferris**[18], prodott mill-intervenuta fil-kawża, li qal li fiż-żmien li fih seħħ l-inċident hu kien *general manager* ta' Elmo Insurance, u li huma bħala kumpannija saru jafu bl-inċident mill-mezzi tax-xandir. Minn verifiki li saru, ġie stabbilit li l-vettura misjuqa mill-konvenut kienet assigurata ma' Elmo Insurance fuq bażi *comprehensive* u li kien hemm limitazzjoni fuqha għal sewwieqa li qabżu l-ħamsin sena. Hu qal li bħala soċjetà tal-assigurazzjoni, huma kienu investigaw l-inċident fejn bagħtu għall-assigurata tagħhom Rowena Mamo u spjegawlha li minħabba ċ-ċirkostanzi li seħħ fihom l-inċident, il-polza tal-assigurazzjoni ma kinitx ser titqies li hi valida. Ix-xhud ikkonferma li l-familja tal-konvenut kienu għamlu tajjeb għall-ispejjeż sofferti mill-i*scouts group*, kif ukoll għall-ispejjeż tal-vettura li kienet assigurata mas-soċjetà Atlas Insuranċe (dik misjuqa minn Anna Gatt), u li dan kollu hu konferma li huma kienu qegħdin jaċċettaw is-sitwazzjoni kif kienet.

---

[17] *A fol.* 269 tal-proċess.
[18] *A fol.* 271 tal-proċess.

**Konsiderazzjonijiet legali**

Il-Qorti sejra tgħaddi biex tqis l-evidenza ppreżentata waqt din il-kawża sabiex tiddetermina jekk da parti tal-konvenut hemmx responsabbilità ċivili għad-danni sofferti mill-attur. M'hemmx kontestazzjoni illi meta seħħ l-inċident, il-konvenut ma kellux liċenzja tas-sewqan u lanqas ma kien f'età li seta' jkollu liċenzja tas-sewqan minħabba li kien għad għandu sbatax-il sena. Mid-diversi xhieda li semgħet din il-Qorti, jirriżulta li l-konvenut kien qiegħed isuq b'veloċità eċċessiva tant li Anna Gatt iddeskriviet kif dan donnu 'tar' għal fuqhom. Anthony Grima wkoll irrakkonta b'mod dettaljat kif il-vettura misjuqha mill-konvenut spiċċat daħlet fil-karreġġjata li kien għaddej minnha l-attur, u li din kienet ġejja b'ċerta veloċità. Kemm Anna Gatt kif ukoll Anthony Grima xehdu li semgħu lill-konvenut jgħid li l-inċident kien kollu tort tiegħu, filwaqt li għall-Qorti hu evidenti illi li kieku l-konvenut ma kienx għaddej b'dik il-veloċità, il-konsegwenzi tal-inċident ma kinux ikunu tali li żewġ vetturi kellhom jiġu skrappjati u persuna oħra jkollha tqatta' erbat ijiem fit-Taqsima tal-Kura Intensiva mitlufa minn sensiha u fil-periklu tal-mewt. Jidher ċar ukoll li l-attur ma setax kien hu li qiegħed isuq b'mod eċċessiv minħabba li l-vann misjuq minnu kien mgħobbi bl-equipment tal-i*scouts*, u jirriżulta wkoll li dan kien qiegħed isuq fil-karreġġjata tiegħu u li bl-ebda mod ma kiser ir-regolamenti tat-traffiku jew għamel xi manuvri li wasslu għall-inċident.

Kif intqal diversi drabi mill-Qrati tagħna, u kif ikkonfermat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs.* Alfred Mifsud**[19]:

> "Sewqan traskurat *(negligent driving)* hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilħaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq

[19] Deċiża fis-06.05.1997.

raġonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bħala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-dispożizzjonijiet tal-Highway Code li jinċidu fuq il-mod jew il-kwalità ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll għal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt fis-subartikolu (2) tal-imsemmi artikolu 15 bħala sewqan 'bi traskuraġni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jiġifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuraġni tkun kbira u tinkludi il-każijiet fejn wieħed deliberatament jieħu riskji fis-sewqan li ma għandux jieħu minħabba l-probabbilità ta' ħsara li tista' tirriżulta lil terzi, kif ukoll każijiet fejn wieħed ikun indifferenti għal tali riskji. Sewqan perikoluż *(dangerous driving)* jirrikjedi li fil-każ partikolari s-sewqan kien ta' perikolu għal terzi jew għall-proprjetà tagħhom. Biex wieħed jiddeċiedi jekk kienx hemm dana l-periklu, wieħed irid jara ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inkluż il-ħin, u l-lokalità tal-inċident u l-preżenza o meno ta' traffiku ieħor jew ta' nies għaddejjin bir-riġel. Naturalment, sewqan f'każ partikolari jista' jaqa' taħt tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema każ japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-liġi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati."

Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs.* Mario Gellel**[20] ingħatat spjega aħjar ta' x'inhu dak li jikkostitwixxi sewqan negliġenti jew traskurat:

"... jekk sewqan hux (i) negliġenti, jew (ii) bla kont, jew (iii) perikoluż hi kwistjoni ta' 'degree', (Appell Kriminali Pulizija vs Charles Bartolo, 14.03.1959, Pulizija vs Wilson, Vol. XXXIX iv. 1018) u Pulizija vs Alfred Vella (Vol. XLIV, p. 933), u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjetà tagħhom (Appell Kriminali Pulizija vs Hardingham, 19.10.1963). Ġie wkoll ritenut li biex jintegra ruħu r-reat ta' sewqan perikoluż, hemm bżonn ta' ċertu grad ta' 'recklessness' (Appell Kriminali Pulizija vs Charles Farrugia, Vol. XXXIX iv. 978). 'Recklessness' ġie definit bħala 'wilfully shutting one's eye' (Appell Kriminali, Pulizija vs Joseph Aquilina, 20 ta' April, 1963).

Invece, sewqan negliġenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja, li wieħed għandu jadopera biex jevita s-sinistra stradali (Appell Kriminali Pulizija vs Antonio Spiteri Vol. XLIV iv. 892)."

[20] Deċiża fid-19.02.2004.

Huwa ċar għall-Qorti li żagħżugħ ta' sbatax (17) -il sena, li hija l-età li kellu l-konvenut meta kkawża l-inċident *de quo*, li ħaseb li seta' jikkontrolla vettura bħalma hi tal-għamla Pajero, u li ma kellux liċenzja tas-sewqan aħseb u ara kemm kellu l-esperjenza meħtieġa biex ikun jista' jikkontrolla vettura ta' dik l-għamla, ħa riskji li ma kellux jieħu, u saq b'mod traskurat u perikoluż, għandu jinżamm responsabbli għall-konsegwenzi ta' għemilu, li tenut kont tal-mod kif ġie deskritt li seħħ l-inċident inkwistjoni, fortunatament ma spiċċawx ikunu agħar milli fil-fatt kienu.

Hekk stabbilita r-responsabbilità tal-konvenut għall-inċident inkwistjoni, il-Qorti ser tgħaddi biex tillikwida d-danni li għandhom jitħallsu lill-attur, kemm id-danni materjali *(damnum emergens)* li huwa sofra, kif ukoll id-danni konsistenti f'telf ta' qligħ futur kawża tad-debilità permanenti sofferta minnu *(lucrum cessans)*.

L-attur ippreżenta diversi rċevuti u dokumenti bħala prova tad-danni materjali sofferti minnu, u fost it-talbiet tiegħu ressaq pretensjoni għall-ħlas tal-mitejn u sebgħa u sittin ġurnata (267) li fihom dam mingħajr impjieg, u li għalihom jippretendi l-ħlas ta' ħamest elef, disa' mija u tlieta u tletin Euro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€5,933.88). Minn dak li jirriżulta mid-dokumenti esebiti mill-attur *a fol.* 160 sa 180 tal-proċess, tul il-perijodu li fih l-attur ma setax jaħdem minħabba fil-ġrieħi li ġarrab, hu kien qiegħed jipperċepixxi dħul mid-Dipartiment għas-Sigurtà Soċjali, li għal dan il-perijodu kien jammonta għal €3,553.68, sabiex b'hekk jirriżulta telf nett għall-attur ta' €2,380.20 għall-perijodu li fih hu kienx qiegħed jaħdem. L-attur esebixxa rċevuti maħruġa minn Dr Anthony Formosa[21], li minnhom jirriżultaw ħlasijiet fl-ammont ta'

[21] *A fol.* 88 sa fol. 104 tal-proċess.

mija u tlieta u erbgħin Euro (€143) lill-istess tabib fil-perijodu ta’ wara l-inċident. L-attur esebixxa rċevuta oħra maħruġa minn spiżerija[22], fl-ammont ta’ tnejn u ħamsin Euro, u sbatax-il ċenteżmu (€52.17), irċevuta tal-konsulent tal-ortopedija Mr Raymond Gatt[23] fl-ammont ta’ mitejn Euro (€200), irċevuta oħra ta’ Saint Anne’s Clinic u ta’ Mr Gatt[24] fl-ammont ta’ sebgħin Euro (€70), għadd ta’ rċevuti għax-xiri ta’ kreditu mingħand il-Melita Cable plc fl-ammont ta’ erbgħin Euro (€40)[25], irċevuta ta’ sitt Euro u tletin ċenteżmu (€6.30) minn spiżerija fil-Ħamrun[26], irċevuta ta’ erbatax-il Euro u tlettax-il ċenteżmu (€14.13) mill-ispiżerija Europharma[27], irċevuta ta’ ħames Euro (€5) minn Unicare Limited[28], u rċevuta ta’ ħamsa u tletin Euro (€35) maħruġa minn *law firm* partikolari li kienet tat pariri lill-attur. Ta’ dawn l-ispejjeż kollha, li jammontaw għal elfejn, disa’ mija u ħamsa u erbgħin Euro, u tmenin ċenteżmu (€2,945.80), l-Qorti tqis illi l-attur għandu jiġi rimborsat mill-konvenut għax dawn huma kollha spejjeż li kellu jagħmel l-attur b’rabta mal-inċident. Il-Qorti però tqis li l-attur m’għandux jiġi rimborsat mill-konvenut rigward l-irċevuta fl-ammont ta’ tnax-il Euro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€12.99) maħruġa minn ħanut tal-ħwejjeġ partikolari.[29] Kwantu għall-irċevuta fl-ammont ta’ mija u tlieta u tmenin Euro (€183) maħruġa minn Optical CSG Limited[30] li jinsab fl-Ajruport Internazzjonali ta’ Malta, sabiex inxtara xi *eyewear,* din l-ispiża ma jidhirx li kienet b’xi mod relatata mal-inċident inkwistjoni. L-attur imkien ma qal jew ġab xi prova li pereżempju, waqt l-

[22] *A fol.* 105 tal-proċess.
[23] *A fol.* 106 tal-proċess.
[24] *A fol.* 107 u 108 tal-proċess.
[25] *A fol.* 109 sa 112 tal-proċess. Dan il-kreditu jidher li nxtara waqt li l-attur kien rikoverat l-Isptar, u jidher ċar li din l-ispiża saret minnu kull darba li kien jeħtieġlu juża s-servizzi telefoniċi jew televiżivi pprovduti mis-sistema tal-Isptar, li għaliha wieħed kellu jħallas.
[26] *A fol.* 114.
[27] *A fol.* 116 tal-proċess.
[28] *A fol.* 118 tal-proċess.
[29] *A fol.* 115 tal-proċess.
[30] *A fol.* 117 tal-proċess.

inċident inkisirlu n-nuċċali li kien liebes, u għalhekk il-Qorti ma tqisx li għandu jsir rimbors ta' din l-irċevuta partikolari.

L-atikolu 1045 (1) tal-Kodiċi Ċivili jistabbilixxi l-parametri li fuqhom tista' tinfetaħ azzjoni ta' din ix-xorta:

> "Il-ħsara li persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għamil tagħha jkun ġab direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, total jew parzjali, li dak l-għamil seta' jġib."

F'sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Emmeline Cini *vs.* Antione Cachia**[31], il-Qorti qalet:

> "Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia *lucrum cessans*, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjant."

Fis-sistema legali tagħna l-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hi regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti. F'deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Paul Debono *vs.* Malta Drydocks**[32], ġie stabbilit illi:

> "Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-

[31] P.A., 18.02.2013.
[32] P.A., 27.04.2005.

somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."

Hawnhekk il-Qorti qegħda tagħmel riferiment ampju għas-sentenzi kopjużi ta' dawn il-Qrati sabiex kemm jista' jkun tasal għal ammont likwidat li jkun jirrispekkja l-kriterji li ġew stabbiliti f'sentenzi simili li ngħataw diġà, anki għaliex huwa desiderabbli li jkun hemm grad ta' uniformità f'dawn it-tip ta' sentenzi.

Il-*multiplier* huwa fattur pjuttost diskrezzjonali, għalkemm bħala regola huwa ġeneralment aċċettat li għal persuna fl-età ta' tlieta u għoxrin (23) sena, bħalma kellu l-attur dakinhar li seħħ l-inċident, il-*multiplier* li għandu jiġi adottat huwa ta' 40. F'sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **John u Laura konjugi Ransley *vs.* Edward u Lydia konjugi Restall**[33], il-Qorti qalet hekk:

"Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża **Butler *vs.* Heard** deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Settembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-multiplier wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni ċ-'chances and changes of life', b'mod li dan il-multiplier ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna danneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sal-età tal-pensjoni.

...

Hawn għalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jingħata lill-ġudikant. Il-liġi ma tridx li l-kumpens ikun biss riżultat ta' eżerċizzju matematiku – għalkemm tali eżerċizzju jkun wieħed siewi u jwassal għal ċerta uniformità fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament ġara wara s-sentenza ta' **Butler *vs.* Heard,** b'danakollu l-ġudikant għandu jżomm quddiem għajnejh aspett aktar wiesa' tal-

[33] P.A., 10.05.2005.

> problema u fl-ammont li finalment jakkorda bħala danni għat-telf futur – dawk li fil-gergo huma magħrufa bħala 'lucrum cessans' jipprova jimprimi sens ta' ġustizzja billi mhux biss iħares lejn l-interessi tad-danneġġjat iżda billi wkoll jittieħed in konsiderazzjoni dak li kkawża d-dannu."

Il-Qorti tqis li *multiplier* ta' 40 huwa wieħed ġust meta wieħed iqis il-*working life expectancy* tal-attur, u tenut kont ukoll il-fatt li persuna fl-età tal-attur hi mistennija li taħdem almenu sal-età ta' 65 sena sabiex tilħaq l-età tal-irtirar.

Il-Qorti ser tieħu bħala qligħ annwali li kien jipperċepixxi l-attur il-paga bażika tiegħu għas-sena 2014, is-sena li fiha seħħ l-inċident, meta għal perijodu ta' seba' xhur u sitt ijiem, mill-1 ta' Jannar, 2014 sas-6 t'Awwissu, 2014, l-attur kellu dħul gross fl-ammont ta' €7,144 u dħul nett ta' €6,248.79. Dan ifisser illi li kieku ħadem is-sena sħiħa, id-dħul nett tal-attur għas-sena 2014 kien mistenni li jkun ta' €10,462.42. Hu dan l-ammont ta' salarju bażiku li l-Qorti ser tieħu għall-finijiet tal-komputazzjoni li trid tagħmel tad-danni li sofra l-attur bħala *lucrum cessans*. Din il-paga trid tiġi aġġustata u togħla abbażi tal-għoli tal-ħajja għall-perijodu kollu tal-*multiplier.*[34] Fuq medda ta' 40 sena l-paga tal-attur mistennija li tiżdied għal €14,479.98. Li kieku wieħed kellu jieħu l-medja ta' dan, €10,462.42 + €14,479.99 / 2, is-salarju medju tal-attur matul il-perijodu tal-*multiplier* huwa mistenni li jkun fl-ammont ta' €12,471.20.

Fil-każ odjern, ġie stabbilit mill-espert mediku maħtur mill-Qorti, li l-grad ta' diżabilità sofferta mill-attur hi ta' tmienja fil-mija (8%), u l-Qorti ma tara li hemm l-ebda raġuni valida li għaliha għandha tiddipartixxi mill-konklużjonijiet tal-espert mediku maħtur minnha.

[34] Bħala rata ta' inflazzjoni annwali qed tittieħed ir-rata ta' 0.96%, li hija r-rata medja tal-inflazzjoni annwali f'dawn l-aħħar 5 snin skont l-NSO {1.38%(2013) + 0.31%(2014) + 1.10%(2015) + 0.64%(2016) + 1.37%(2017) ÷ 5= 0.96%}.

Il-Qrati tagħna adottaw ukoll il-prinċipju li għal kawżi simili għal dik odjerna, fejn l-attur mistenni li jirċievi *lump sum payment* bħala kumpens għad-danni sofferti minnu, għandu jkun hemm tnaqqis ta' għoxrin fil-mija (20%) minħabba li l-ħlas ser isir f'darba. Kien hemm istanzi fejn il-Qorti kkunsidrat li għandu jkun hemm tnaqqis differenti minn dan minħabba fid-delungar ta' xi parti jew oħra sabiex kawża ta' din ix-xorta tinqata'. Però fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, il-Qorti ma tarax li hemm lok għal tali tnaqqis. Il-kawża nfetħet fis-sena 2016, u ser tinqata' ftit anqas minn sentejn wara li kien hemm l-ewwel udjenza. Ma jistax jintqal li kien hemm xi delungar da parti ta' xi ħadd jew ieħor mill-partijiet.

Is-salarju medju ta' €12,471.20 x *multiplier* ta' 40 x 8% diżabilità permanenti sofferta mill-attur, iwasslu għaċ-ċifra ta' €39,907.84, li meta ridotta b'20% *(lump sum payment),* tiġi €31,926.27. Dan huwa l-*lucrum cessans* kif likwidat mill-Qorti, li meta magħdud mas-somma ta' €2,945.80 rappreżentanti d-*damnum emergens* soffert mill-attur, iwassal għas-somma totali li għandha titħallas mill-konvenut lill-attur bħala danni ta' **€34,872.07**.

<u>**Decide**</u>

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

**1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut;**

**2. Tilqa' t-talbiet tal-attur, u tiddikjara li l-inċident mertu tal-kawża seħħ tort u ħtija tal-konvenut;**

**3. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fis-somma ta' erbgħa u tletin elf, tmien mija u tnejn u sebgħin Euro u seba' ċenteżmi (€34,872.07);**

**4. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma hekk likwidata.**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mil-lum sad-data tal-ħlas effettiv, a karigu tal-konvenut.**

Moqrija.